MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 719/2013

**GO plc**

**Vs**

**Matthew Jon Luke Gatt (Passaport Malti 09158147)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha u tletin centezmu (€354.37c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40146994 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3- kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut giet interpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 t' Ottubru, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha u tletin centezmu (€354.37c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------